# It-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija fl-18

Simon Mercieca

Fil-ktieb tiegħu *Essays Governing Malta (1800-1813)*, Patrick Staines jittratta t-twaqqif ta' dak li hu sejjaħ *"Magistracy of Police 1812"*. Staines jikteb hekk:

*"Despite the caution in Hobart's 1801 instructions against introducing radical changes in the modes of conducting Judicial and Police business, General Oakes did attempt to effect a major departure from past practice when he tried his hand at reforming the police structures. In setting up his Magistracy of Police in 1812, Oakes, or his advisors, appear to have had three objects in mind. One was to detach the President of the Grand Criminal Court from his traditional responsibility for policing the Valletta district, and furthermore to free him or his administrative involvement in a host of licensing and other petty regulatory duties which had come to be regarded as the President's responsibility. A second was to relieve the Criminal Court in Valletta of its burden of dealing with minor police contraventions: a third object apparently was to bring about some degree of unification among the executive police establishments which had hitherto existed as separate units in the three judicial districts"* (Staines, 2008, 297).

Waqt li Staines jattribwixxi t-twaqqif tal-Korp għas-sena 1812, fl-istess ħin juri d-dubju tiegħu jekk dawn ir-riformi tal-kmandant Hildebrand Oakes, bħala Kummissarju Ċivili, kellhomx suċċess jew le. Dokumenti li rnexxieli nsib fl-Arkivju Nazzjonali juru ċar daqs il-kristall li dawn ma kinux ir-riformi iżda verament f'din is-sena twaqqaf il-Korp tal-Pulizija kif nafuh illum. Jiġifieri d-data u d-dokument prodott minn Vincenzo Azopardi fil-ktieb tiegħu *Raccolta di Varie Cose* (N.N., 1843, 333) hu korrett.

## Dokumenti ġodda

Fl-Arkivju Nazzjonali teżisti serje ta' dokumenti mimlija b'informazzjoni fuq il-ħidma tal-Korp wara li dan twaqqaf fl-1812. Dawn id-dokumenti jinsabu fil-volumi msejħa *Public Secretary* u joffru l-kuntest meħtieġ għax-xogħol ta' Azopardi. F'dan l-istudju qasir se nkun qed nikkwota minn volum wieħed ta' din is-sezzjoni, dak li jġib is-sigla PS/01/04. Dan fih informazzjoni interessanti ħafna dwar il-Korp tal-Pulizija u jipprova mingħajr l-iċken dubju li dan il-Korp kien qiegħed jiffunzjona u kellu l-istrutturi kollha assoċjati mal-Korp tal-Pulizija kif nafuh illum.

Id-dokumenti tal-*Public Secretary* jagħtu d-data tat-twaqqif għall-24 ta' Ġunju 1812. Id-dokument innifsu jitkellem dwar dak li jsejjaħ *Costituzione del Magistrato di Polizia* Jew 'Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija' u taħt dan it-titlu hemm l-istatut ta' tmien paġni li kellu jiggverna lil dan l-istess Korp tal-Pulizija, (PS/01/04 pp. 82-89), iżda dwar dan il-fatt nispera li nkun f'pożizzjoni li nikteb fil-futur. Wara din id-data nsibu numru ta' dokumenti oħra, li jittrattaw ir-regolamenti, ħlasijiet u l-impjieg ta' spetturi tal-pulizija, il-ġuramenti li huma ħadu.

Illum se nkun qed nitkellem dwar dokumenti oħra biex nuri dak li ġara fl-1812 fil-kuntest storiku tiegħu.

Staines juri kif lejn l-aħħar tas-sena 1812 kien ġie appuntat Salvatore Decaro bħala Spettur tal-Pulizija, waqt li Emmanuele Gellel kien qed iservi bħala Logutenent tiegħu (Stein, 2008, 299). Dawn ukoll insibuhom miktuba fid-dettall fir-reġistru tal-*Public Secretary* imsemmi f'dan l-istudju.

Fl-ewwel ta' Marzu 1813, l-assistent segretarju tar-Kummissarju Oakes, Dr G.N. Zammit, jagħti l-lista tal-persuni li kienu ġew ingaġġati bħala Logutenenti u surġenti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u jirrapporta li dawn ir-rekluti l-ġodda kienu ħadu l-ġurament tal-ħatra tagħhom fl-istess Korp tal-Pulizija. L-assistent segretarju Zammit jispjega li dawn l-impjegati ġodda kienu se jkunu ta' piż addizzjonali fuq it-teżor tal-Gvern, iżda jgħid li kien hemm bżonnhom.

Fl-istess jum tal-1 ta' Marzu 1813, jikteb Tomaso Fyers, il-persuna responsabbli mit-Teżor tal-Gvern. Minn din il-korrispondenza nsiru nafu li r-rekluti l-ġodda fil-grad ta' surġenti kienu se jkunu stazzjonati fl-irħula u l-ibliet ta' Malta u Għawdex.

B'hekk, grazzi għal din l-informazzjoni, nafu wkoll meta nfetħu l-ewwel għases fl-ibliet u l-irħula ta' Malta. Fryers jinfurmana wkoll dwar il-ħlasijiet li kien se jieħu l-logutenent tal-ispettur u s-Surġenti tal-Pulizija, li ovvjament dawn kienu kollha għas-servizz tal-*Primo Magistrato di Polizia*, jiġifieri l-Kummissarju tal-Korp. Fryers kiteb bit-Taljan, iżda għall-faċilità tal-qarrejja qed naqlibha għall-Malti.

"Wara li ġie nnominat *il-Logutenent tal-ispettur tal-pulizija u l-għoxrin surġentmnizzla hawn fis-servizz tal-Maġistrat tal-Pulizija u li ser jieħdu s-salarju iġifieri, tal-ewwel ser ikun ta' skudi erbgħin u l-oħrajn ta' skudi għoxrin kull wieħed fix-xahar. Nordnaw li għall-imsemmija Logutenent u s-surġenti jiġi mħallsa kif ġie stabbilit fuq is-salarji tagħhom, jiġifieri li l-Logutenent jitħallas mill-ewwel ta' Jannar waqt li s-surġenti mill-ewwel ta' Frar li għadhom kif għaddew.*" (PS/01/04: 1/3/1813)

Dan ifisser li kemm il-Logutenent u s-surġenti kienu ġew reklutati qabel l-ewwel ta' Marzu, u wisq probabbli kienu għamlu perjodu ta' prova u taħriġ u għalhekk ingħataw ħlasijiet b'lura ta' kemm kienu ilhom iservu fil-Korp. Imbagħad, fl-ewwel ta' Marzu, ingħataw il-ġurament tal-ħatra tagħhom. Ir-reklutament tagħhom kien ġie ffirmat minn F. Laing li kien is-segretarju pubbliku b'ordni tar-*Regio Civile Commissionario* H. Oakes.

## Il-ġurament tas-Surġenti tal-Pulizija

Id-dokument jagħti biss il-ġurament li kienu ħadu s-surġenti (miktub bit-Taljan iżda li jien se nkun qed inġib bil-Malti)



Il-kwartieri ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana. Il-Ko

iżda jinfurmana li anki l-Ispettur tal-Pulizija u Logutenent tiegħu kienu ġew mitluba jieħdu l-ġurament tagħhom. Il-ġurament tas-Surġenti tal-Maġistratura tal-Pulizija kien kif ġej:

*Jien hawn taħt iffirmat niddikjara li naċċetta bil-qalb kollha l-impjieg mogħti lili ta' surġent tal-pulizija u naħlef fuq dawn l-Evanġeli Mqaddsa tal-Mulej, li nwettaq xogħli bil-fedeltà u d-doveri, bl-eżattezza kollha għall-ġieħ ta' Alla, għas-servizz tar-Re u tal-pajjiż għażiż tiegħi.*

*Naħlef li se nkun fidil lejn is-superjuri tiegħi u li nobdi b'għajnejja magħluqa u fil-ħin u b'mod eżatt il-kmand tagħhom u nuriħom ġieħ, kif jixraq lil-Logutenenti tal-Eċċellenza tiegħu bħala l-ewlenin maġistrati fir-rispettivi distretti tagħhom.*



Il-lista tas-surġenti (Marzu 1813)



Il-ġurament tal-ħatra (Marzu 1813)



Il-ħatra ta' Surġenti (Frar/Marzu 1813)

# 12 u l-ftuħ tal-ewwel Għases fl-1813



tal-Pulizija ta' Malta kellu l-ewwel kap tiegħu f'Awwissu tal-1812

*Naħlef li għall-kuntentizza fil-qadi ta' xogħli ma nixtieq l-ebda tip ta' drittijiet ħlief dawk mogħtija lili skont il-liġi u mhu se nieħu mingħand ħadd l-ebda tip ta' perkaċċi jew rigali, anzi nagħmel id-dmir qaddis li ninforma lis-superjuri tiegħi b'kull tip ta' offerta li tista' ssirli, issir minn min issir.*

*Naħlef li nfittex li nġib l-informazzjoni kollha li tista' tkun ta' interess għall-paċi pubblika, il-bon ordni, u li qatt ma nonqos li ninforma l-ħin kollu lis-superjuri tiegħi.*

*Naħlef li mlibbes b'dan l-imsemmi xogħol, nagħraf bħala d-dmir eżatt tiegħi, bħala parti mill-għassa tiegħi u tal-ħidma u l-enerġija kollha tiegħi, li nfittex lil dawk kollha li huma ta' ħajja kriminali, ix-xellerati, il-maħrubin u l-frodisti, u dawk kollha li jagħmlu reati kontra l-liġi u mhux skont ir-regoli tal-bon ordni, inkluż il-barranin, li ma jġibux ruħhom skont il-liġijiet tal-pulizija, ħalli b'hekk dan għandu jitqies bħala l-preċiż dover tiegħi li ninvestiga l-passi tagħhom, niġbor informazzjoni fejn huma jkunu marru u d-djar fejn joqogħdu biex inżomm infurmat b'kollox lil dan il-Maġistrat u s-superjuri l-oħra tiegħi.*

*Niddikjara li ħa nagħmel l-almu kollu tiegħi bl-ikbar bżulija u b'reqqa liema bħalha biex inwassal għall-arrest tal-persuni li jeħtieġ skont il-liġijiet u l-ordnijiet tal-Maġistrat tal-Pulizija li jkunu arrestati u biex inwassal għall-esekuzzjoni sħiħa r-regolamenti tal-pulizija u l-ordnijiet tal-imsemmi Maġistrat.* (PS/01/04: 1/3/1813)

Dan il-ġurament juri biċ-ċar li f'din id-data tal-1 ta' Marzu 1813, il-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu qed jintalbu jagħmlu xogħol li skont l-istess Kummissarju tal-Pulizija preżenti, fl-ewwel risposta tiegħu f'din il-gazzetta qal li bdew jagħmluh wara l-1814!

Dan l-istess reġistru joffrilna tagħrif ieħor ta' interess. Hawn se nitkellem biss dwar ir-rwol tal-Pulizija fiċ-ċelebrazzjoni tal-Karnival tas-sena 1813. Dan il-fatt jipprova tajjeb dak li qed ngħid, jiġifieri li dan il-Korp twaqqaf sentejn qabel l-1814.



Il-ħlasijiet tas-Surġenti u lista tagħhom (Marzu 1813)



Il-Pulizija u l-Karnival (Frar 1813)

## Surġenti fl-irħula Maltin

Lista tal-individwi li ġew appuntati bħala Logutenenti u Surġenti biex iservu fl-ibliet u l-irħula ta' Malta

| Impjieg | Persuna Impjegata | Il-post ta' Residenza |
|---|---|---|
| Logutenent | Emmanuele Gellel | Città Valletta |
| Surġent | Salvatore Zammit | della |
| Surġent | " | " |
| Surġent | Carlo Xuereb | Notabile e C(asa)l Dingli |
| Surġent | Gioacchino Azzoppardo | Vittoriosa |
| Surġent | Vincenzo Triganza | Senglea |
| Surġent | Vincenzo Decandia | Cospicua |
| Surġent | Michele Bonnici | Casal Zebbuġ |
| Surġent | Giov(an)ni Baldacchino | Casal Zejtun |
| Surġent | Luigi Uzzini | Casal Birkirkara |
| Surġent | Alessandro Pulis | Casal Fornaro |
| Surġent | Antonio Grech | Casal Żabbar |
| Surġent | Salvatore Camelleri | Casal Siġġiewi |
| Surġent | Paolo Dimech | Casal Mosta |
| Surġent | Franc(esco)Schembri | Casal Zorrico, Safi e Chircop |
| Surġent | Carlo Calleja | Casal Naxiaro e Gargur |
| Surġent | Salvatore Sammut | Casal Lia, Attard, Balzan |
| Surġent | Giuseppe Galea | Casal Micabba, e Crendi |
| Surġent | Giovanni Barbara | Hasciach e Gudia |
| Surġent | Giovanni Grima | Luca e Tarxen |
| Surġent | Giuseppe Farrugia | Isola di Gozo |

(PS/01/04: 1/3/1813)

### Il-Karnival tal-1813

Fis-sena 1813, il-Karnival kien ħabat tard kif ġara f'din is-sena. Taħt id-data tas-27 ta' Frar 1813, insibu li r-*Regio Civile Commissionario*, jiġifieri Oakes, jawtorizza l-użu tal-maskri fil-Karnival u għalhekk il-pulizija ġew infurmati b'din l-ordni. Fiha, dawk li qed jissejħu bħala "*Ill(ustrissi)mi Sig(no)ri Componenti il Magistrato di Polizia*", jiġifieri l-membri tal-Korp, ġew infurmati li l-Eċċellenza tiegħu r-Regju Kummissarju qed iħalli maskerati, jiġifieri li wieħed jilbes il-maskra fil-jiem li ġejjin tal-Karnival, kif kien ikun osservat u kif ukoll miktub fil-liġi, il-pragmatiċi u l-bandi.

B'hekk kif kien kiteb tajjeb Vincenzo Azopardi, il-korp verament twaqqaf fl-1812 u l-Kummissjarju, jew il-"*primo magistrato di polizia*" kien differenti milli kif kien qed ikun mitqies qabel dik id-data. Qabel l-1812, din il-kariga kienet taqa' taħt il-"*Presidente della Gran Corte*" u dan ir-rwol kien ġie mogħti lilu fl-1804 wara li tneħħa minn taħt idejn il-Gran Viskonti li kien il-persuna responsabbli mill-iżbirri jew is-suldati li kienu jħarsu l-bon ordni f'Malta matul il-ħakma tal-kavallieri, anki jekk din il-kariga tal-Gran Viskonti ma kinetx ġiet soppressa għal kollox (Staines, 2008, 295).

Mill-1812, il-Korp ma baqax taħt il-President tal-Qorti. Ma dik id-data wkoll kienu spiċċaw għalkollox il-figura tal-Gran Visconti, iżda baqgħu l-Logutenenti tal-irħula u dawn kienu indipendenti mill-pulizija. Iż-żamma tal-ordni kienet mogħtija lil dawn tal-aħħar. Minflok tidħol struttura ġdida mudellata skont kif kien hemm fir-Renju Unit, jiġifieri dik ta' Spettur, Logutenent Spettur u Surġenti tal-Pulizija mmexxijin mill-*Primo Magistrato di Polizia.*

Għalhekk, Azopardi kien qed jikteb f'kuntest meta ppubblika dokument li juri li l-Korp tal-Pulizija kellu l-ewwel kap tiegħu fl-24 ta' Awwissu tal-1812. Hija ħasra li l-istorja tagħna, kif ġiet miktuba fi żmien kolonjali, ħassret dan il-kontribut ta' Azopardi bir-riżultat li llum qed nispiċċaw niċċelebraw jum li għandu sinifikat iswed fl-istorja ta' pajjiżna għaliex f'Lulju 1814, il-kolonizzatur il-ġdid afferma t-tiranija tiegħu u permezz ta' proklami warrab lill-Maltin mit-tmexxija tal-affarijiet interni tagħhom u beda jappunta nies imxierka fil-mażunerija Ingliża.

Bir-raġun, il-Maltin ta' dawk iż-żminijiet laqqmu lil Thomas Maitland, il-Gvernatur Ingliż ta' Malta u l-bniedem wara dan kollu, bħala 'King Tom'. Hija ħasra li llum għandna persuni fl-awtorità, bħall-Kummissarju tal-Pulizija preżenti, li lesti jaħlu flus il-poplu biex jiċċelebraw jiem ta' mistħija fl-istorja ta' pajjiżna u jgħadduhom lil uliedna bħala jiem ta' glorja u ta' ġieħ.

Fuq kollox dawn id-dokumenti ppubblikati minni (li huma parti żgħira minn ħafna aktar dokumenti li hemm dwar dan l-istess Korp) meħudin mill-Arkivju Nazzjonali tagħna, juru, mingħajr l-ebda dubju, li l-Korp tal-Pulizija twaqqaf qabel is-sena 1814.

### Bibljografija

N.N. (Vincenzo Azopardi) *Raccolta di Varie Cose Antiche e Moderne ultili ed Interessanti Riguardanti Malta e Gozo*, Malta, 1843.

Staines, Patrick, *Essays on Governing Malta (1800-1813)*, Malta, PEG. 2008.